# BEATI U QADDISIN...APRIL

9 ta' April San Pietru minn Verona



Twieled fi tmiem is-seklu 12 gewwa Verona go familja eretika li kienet thaddan l-erezija tal-Manikej, imma minn mindu kien tifel ma kien jaqbel xejn ma' dak li kienu jemmnu u jistqarru l-genituri tieghu.

Meta sar zaghzugh huwa mar jistudja fl-universita' ta' Bolonja fejn dahal jaghmel parti mill-ordni dumnikana meta il-fundatur ta' l-ordni San Duminku kien ghadu haj.

Noti storici jindikaw li huwa kien attiv hafna fil-fondazzjoni tas-Socjeta ghall-Fidi u tal-Konfraternitajiet Marjani gewwa Milan, Firenze u Perugia. Dawn l-istituzzjonijiet kienu jahdmu hafna biex johduha kontra t-taghlim li kien imur kontra l-fidi kattolika.

Mis-sena 1236 insibuh jippriedka f'hafna nhawi gewwa l-Italja l-aktar f'Milan fejn kien jargumenta kontra l-eretici u fejn kien jopra mirakli bil-qawwa ta' Alla biex isahhah dak li kien jghallem. U hafna kienu li kkonvertew u regghu lura fi hdan il-fidi kattolika.

Il-Papa Innocenz Iv fis-sena 1251 innominah inkwisitur ta' l-ibliet ta' Milan u Como. Hadem hafna ghaliex l-erezija kienet mifruxa hafna u f'Hadd il-Palm, fl-24 ta' Marzu 1252 waqt il-priedka huwa habbar li l-eretici kienu dawk li ser joqtluh ghax daqs kemm kien jahdem hu kontra it-taghlim taghhom daqshekk iehor kienu jahdmu huma kontra tieghu.

Il-kapijiet tas-settet ta' Milan, Bergamo Lodi u Pavia, ikkontrattaw zewg qattiela biex jnehhuh minn nofs. Il-qattiela, Pietru minn Balsamo u Albertino Porro minn Lentate hejjewlu nasba biex joqtluh.

Ftehmu li jahbtu ghalih qrib Meda fejn soltu Pietru u zewg dumnikani ohra kienu jieqfu ghal kolazzjon waqt triqthom bejn Como u Milan, qabel ikomplu bil-vjagg.

Albertino iddispjacih li kien parti minn dak il-pjan, nidem u abbanduna lil siehbu Pietru minn Balsamo li b'daqqa ta' mannara fuq ras patri Pietru hallieh nofs mejjet biex imbaghad kompla temmlu hajtu b'daqqa ta' sikkina f'sidru.

Il-fratell l-iehor sofra daqqiet mortali u miet gimgha wara fil-kunvent tal-Benedittini gewwa Meda.

Hadu l-gisem ta' Pietru gewwa Milan fejn wara li tawh tislima mill-qalb difnuh fic-cimiterju tal-Martri. Hemm fis-sema Pietru kompla jitlob ghall-midimbin u tassew sehhew grazzji kbar dak in-nhar stess tad-difna. Fost dawn kien hemm Daniele minn Giussano, isqof eretiku li kellu sehem fil-mewt ta' Pietru minn Verona; dan ikkonverta flimkien mal-qattiel li wara dahal jahgmel parti mill-ordni dumnikana.

Hdax-il xahar war ail-Papa Innocenz IV ikkannonizah qaddis. Il-kult tieghu xtered b'heffa kbira madwar id-dinja. Xi ibliet ta' l-Italja bhal Verona, Vicenza, Cremona hatruh prottetur taghhom. Twaqqfu wkoll monumenti ghad unur tieghu u d-dumnikani bnew knejjes f'giehu.